FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 07 TA' MARZU 2017

Il-Pulizija
(Spett Nicolai Sant)

Vs

Omissis
omissis
Dennis Bonanno
Simon Zahra
Andre Zahra

Il-Qorti,

Rat l-imputazjonijiet migjuba kontra l-imputati detenturi ta' karta ta' identita' numru 115277M, 285784M, u 38180M rispettivament, akkuzat talli:

1. Omissis;

2. Fuq talba tal-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol qed jigu akkuzati wahedhom Andre Zahra u Simon Zahra talli fl-istess zmienijiet, lok u cirkostanzi naqsu milli jharsu is-sahha u s-sigurta' tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini tal-Artikoli 6(1)(2) tal-Att 27/2000 tal-Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fuq talba tal-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol qed jigu akkuzati wahedhom Andre Zahra u Simon Zahra talli fl-istess zmienijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li thaddmu u ta kull persuna li tahdem ghal rasha naqsu li jaghmlu jew li jizguraw li jsir, evalwazzjoni xierqa sufficenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u sigurta kollha li jistghu jkunu presenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw r-riskji ghas-sahha u sigurta tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini tal-Artikoli 10(1) tal-A.L. 36/03 (S.L. 424.18)

4. Fuq talba tal-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol qed jigi akkuzat Dennis Bonanno wahdu talli fl-istess zmienijiet, lok u cirkostanzi naqas milli jhares s-sahha u s-sigurta' tieghu, kif ukoll tal-persuni li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u naqas milli jiehu l-mizuri necessarji sabiex ir-riskji jigu ridotti kemm huwa ragenevolement prattiku u dan ai termini tal-Artikoli 7(1) tal-Att 27/2000 tal-Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha

Semghat lill-imputati jammettu l-akkuzi fuq liema insistew anka meta l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibhom u tiddikjarhom hatja.

Fir-rigward tal-imputati Simon Zahra u Andre Zahra u wara li Rat l-Artikoli 225 u 17 tal-Kap 9 , Art 6(1)(2) tal-Kap 424 u regolament 10(1) tal-Avviz Legali 36/03 (L.S. 424.18) tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannhom multa komplessiva ta' €5,000 kull wiehed pagabbli fi zmien sena, bil-€420 mensili fl-ahhar ta' kull xahar konsekuttivament u sussegwenti bl-ewwel pagament fl-ahhar ta' April 2017, u bid-dekadenza fin-nuqqas. Tikkundannhom ukoll ihallsu l-ispejjez tal-inkjesta fi zmien xahar minn meta jigu notifikati b'dawn lis-spejjez mir-Registratur ta' din il-Qorti.

Fir-rigward tal-imputat Dennis Bonanno u wara li rat l-Artikolu 7(1) tal-Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal-€ 500 multa pagabbli fi zmien xahar.

A.M. Trigona

Magistrat